MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 4/2010

**U Communications Limited**

**vs**

**L-Ufficju ghall-Kompetizzjoni**
**wara l-ilment li kien sar kontra GO plc u Melita plc**

**It-Tribunal**

Ra l-ilment ta’ Dun Gwann Farrugia ghan-nom ta’ U Communications Limited fil-konfront ta’ GO plc (“GO”) permezz ta’ ittra mibghuta lil Prim Ministru datata 7 ta’ April 2010 (“l-Ilment”) (a fol. 3) liema lment gie mressaq a konjizzjoni tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta (“l-Ufficju”) permezz ta’ ittra datata 7 ta’ April 2010 (a fol. 2);

Ra li l-Ilment gie estiz ukoll fil-konfront tal-Melita plc (“Melita”) permezz ta’ email datata l-10 ta’ Gunju 2010 (a fol. 4);

Ra d-decizjoni tad-Direttur tal-Ufficcju tas-6 ta’ Awissu 2010 (“id-Decizjoni”) (a fol. 5 et. seq.);

Ra r-rikors tad-Direttur tal-Ufficcju (a fol. 1) li permezz tieghu tressqet quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust (illum it-Tribunal) it-talba tal-appellant sabiex id-Decizjoni tigi mistharrga mill-Kummissjoni;

Ra l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra l-verbal tad-29 ta’ Jannar 2014 fejn il-vertenza tkompliet bit-Tribunal kompost biss mill-President u membru wiehed;

Ra l-verbal tal-5 ta’ Gunju 2014 fejn il-kawza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta’ lanjanti talbet lis-socjetajiet lanjati GO u Melita sabiex dawn igorru u jxandru l-istazzjoni U TV tas-socjeta’ lanjanti minn fuq il-pjattaforma taghhom, pero’ l-istess GO u Melita rrifjutaw tali talba, u ghalhekk tressaq l-Ilment quddiem l-Ufficcju;

Illi l-fatti rilevanti kif migjuba a konjizzjoni tat-Tribunal huma s-segwenti:

Illi s-socjeta’ lanjanti kienet inghatat licenzja mill-Awtorita’ tax-Xandir (“l-Awtorita’”) fit-28 ta’ Settembru 2007, valida mill-1 ta’ Ottubru 2007 sat-30 ta’ Settembru 2008, sabiex ixxandar trasmissjonijiet televizivi. Il-licenjza kienet relattiva ghall-kontenut televisiv. Tali licenjza ma gietx imgedda mill-Awtorita’ in kwantu l-Awtorita’ kkonkludiet li l-livell u l-kwalita’ tal-kontenut mxandar ma kienx ta’ livel sudisfacenti jew mixtieq.[1] Mid-Decizjoni[2] jirrizulta li r-ragunijiet moghtija mill-Awtorita’ kienu s-segwenti: (1) l-istazzjon xorta kellu problemi serji ta’ natura teknica; (2) ma kienx qed izomm ma’ l-iskeda kif titlob il-licenjza; u (3) kien hemm *monitoring reports* b’allegazzjonijiet serji ta’ ksur tal-ligi tax-xandir.[3] Is-socjeta’ lanjata giet infurmata

[1] Vide xhieda ta’ Pierre Cassar a fol. 16 u 17 u l-ittra Dok. JBF 3 a fol. 196
[2] A fol. 5
[3] Vide wkoll xhieda ta’ Pierre Cassar a fol. 19

b'ittra datata l-1 ta' Ottubru 2008 li x-xandir tal-istazzjon taghha kellu jieqaf nhar it-3 ta' Ottubru 2008[4];

Illi l-istazzjon U TV tas-socjeta' lanjanti kien effettivament mxandar minn fuq il-pjattaforma tal-GO a bazi ta' ftehim kuntrattwali ffirmat nhar id-29 ta' Mejju 2007[5] u t-trasmissjonijiet bdew jixxandru nhar it-23 ta' Lulju 2007. Matul dan il-perjodu ta' xandir, u fil-fatt sa mill-bidu tieghu, GO irriskontrat diversi problemi rigwardanti U TV u s-socjeta' lanjata fosthom problemi teknici, problemi fl-operat u anke problemi relattivi ghall-kontenut.[6] Il-GO giet sussegwentement moghtija struzzjonijiet mill-Awtorita' sabiex twaqqaf it-trasmissjonijiet tal-istazzjon tas-socjeta' lanjanti fit-3 ta' Ottubru 2008[7];

Illi ghalkemm giet moghtija struzzjonijiet mill-Awtorita' sabiex twaqqaf it-trasmissjonijiet tal-U TV, jirrizulta li GO kienet, *"minn jedda ukoll waslet ghall-konkluzjoni li ghandha tittermina r-relazzjoni kuntrattwali bejnha u bejn U Communications Limited. ... Dan ghaliex kienet qed issir diskussjoni interna biex naraw x'kienu l-ahjar passi illi ghandhom jittiehdu. Ir-raguni ghal dan kienet illi ftit wara minn meta bdew it-trasmissjonijiet ghal ftit qabel ma twaqqfu l-kwalita' kemm minn naha teknika u kif ukoll minn naha ta' kontenut kienet il' boghod mill-istandards illi kienet qed tippretendi s-socjeta' lanjata."*[8] F'dan ir-rigward GO esebiet diversi dokumenti li jindikaw *inter alia* n-nuqqasijiet teknici u amministrattivi tas-socjeta' lanjanti fil-perjodu li kienet qed tixxandar U TV minn fuq il-pjattaforma tal-GO.[9] Dawn il-problemi ma gewx kontradetti mis-socjeta' lanjanti. Fil-fatt f'*email* mibghuta lill-GO nhar it-30 ta' April 2008, Dun Gwann Farrugia ghan-nom tas-socjeta' lanjanti qal li, *"Qed naghmel minn kollox sabiex intejjeb il-production tal-UTV. Ghal grazzja t'Alla l-istampa m'ghadhiex tifrizja."*[10]

---

[4] Vide xhieda ta' Pierre Cassar a fol. 16
[5] A fol. 31 sa 42
[6] Xhieda ta' Jack Mizzi a fol. 28: *"(Dun Gwann Farrugia) Kien spicca l-unika persuna li kien il-kuntatt uniku ghal affarijiet teknici ghal diversi zmien. Dan kien qed johloq problemi serji fl-operat peress illi certi problemi teknici illi konna qed naraw ma setghux jigu ndirizzati. Bhala problemi teknici li konna qed naraw konna qed naraw illi matul it-trasmissjonijiet ta' U Communications Limited l-iscreen beda jigi iswed, it-trasmissjoni ghalhekk kienet qed tinqata'. Rajna wkoll illi hafna drabi t-trasmissjoni kienet tohrog minghajr vuci u f'okkazjonijiet ohra l-vuci ma kienx sinkronizzat ma' l-istampa. F'Kazijiet ohrajn kellna l-fatt illi meta jispicca programm kien jghaddi perjodu konsiderevoli qabel jibda programm iehor. Problema ohra illi rajna kien illi meta jispicca film kien jitla' l-iscreensaver tad-dvd illi kien qed jixxandar minnu dan il-film. Dawn kollha kienu punti li konna nqajjmu ma' U Communications Limited u qajjimna wkoll il-kwistjonijiet teknici tad-dawl li kien qieghed jintuza u kien hemm problemi ohrajn marbutin ma' l-iskeda, illi innutajna illi l-iskeda ma kienetx qed tinzamm minn naha ta' U Communications Limited."*
[7] Vide xhieda ta' Jack Mizzi a fol. 25
[8] Xhieda ta' Jack Mizzi a fol. 27
[9] A fol. 50 sa 57
[10] Doc. 7 a fol 49

Illi s-socjeta' lanjanti talbet lill-Awtorita' sabiex terga' tinghata licenzja ghax-xandir u saru diversi laqghat u komunikazzjonijiet f'dan is-sens bejn Mejju u Ottubru 2009.[11] Is-socjeta' lanjanti ressqet ukoll diversi rapporti ta' ristrutturar fl-operat taghha, kif mitlub mill-Awtorita', pero' finalment l-Awtorita' iddecidiet li ma tohrogx licenzja lis-socjeta' lanjanti in kwantu kellha, *"dubji serji kemm is-socjeta' U Communications Limited qed thejji ruhha bis-serjeta' sabiex ikollha struttura ta' tmexxija professjonali ghall-istazzjon u barra minn hekk, ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-istazzjoni m'huwiex wiehed sostenibbli, aktar u aktar jekk l-ispejjez li qed jigu progettati jkollhom jizdiedu sabiex, kif tesigi l-Awtorita', l-istazzjon ikun jista' jilhaq livell ta' kwalita' accettabbli."*[12]

Illi in oltre, jirrizulta wkoll li sabiex tinghata licenzja mill-Awtorita', l-Awtorita' indikat lis-socjeta' lanjanti li din kellha tottjeni permess minghand GO jew Melita sabiex ixxandar minn fuq il-pjattaforma ta' wahda minn dawn is-socjetajiet lanjati.[13] Fil-fatt mid-Decizjoni jirrizulta li, *"l-policy tal-Awtorita' hija li qabel ma stazzjon tinhariglu licenjza sabiex ikun jista' jxandar, stazzjon ghandu jipprovdi konferma lill-istess Awtorita' minghand wiehed miz-zewg kumpaniji lokali (GO jew Melita) li ser jingarr fuq xi pjattaforma pprovduta minn dawn iz-zewg kumpanniji. Fin-nuqqas ta' dan l-Awtorita' ma tohrogx licenjza."*[14] Ghalhekk is-socjeta' lanjanti talbet liz-zewg socjetajiet lanjati, GO u Melita, sabiex l-istazzjon taghha U TV jingarr fuq il-pjattaforma taghhom;

Illi din it-talba tas-socjeta' lanjanti lill-GO saret fost ohrajn permezz ta' email mibghuta nhar id-29 ta' Novembru 2008 minn Dun Gwann Farrugia,[15] ghal liema talba s-socjeta' lanjata GO irrispondiet bil-mod segwenti nhar is-6 ta' Jannar 2009[16]:

*"I refer to your email below and to the attached schedule, which specified a total of 9 hours of broadcast per day. We have also reviewed the list of programmes described in the schedule, together with the demo tapes submitted.*

[11] Vide Xhieda ta' Pierre Cassar a fol. 19
[12] Fol. 8
[13] Vide Dok. JBF3 a fol. 196
[14] Fol. 6. Vide wkoll xhieda ta' Pierre Cassar a fol. 17.
[15] Doc. 3 a fol. 45
[16] Doc. 1 a fol. 43

*On reviewing your request for airtime, programmes and demo content, we regret to inform you that we are unable to accept your request for carriage, due to the following:*

*1. We do not have the requested channel space;*
*2. The quality of the programmes proposed is not up to the expected quality of programmes on our network;*
*3. The absence of administrative, managerial and sales structures within UTV caused many issues and problems with our technical and administartive staff when under carriage agreement with us. We have no information that this situation has tangibly changed;*
*4. Surveys undertaken by GO during 2008 indicate that, amongst all channels carried on our platform, UTV is one of the 3 least favourite channels. Additionally UTV does not appear in the BA surveys at all (even when going through the list of ALL channels mentioned by the respondents)."*

Illi permezz ta' ittra mibghuta nhar il-11 ta' Marzu 2009[17], is-socjeta' lanjanti regghet talbet informazzjoni minghand GO rigward it-talba taghha sabiex l-istazzjon U TV jixxandar minn fuq il-pjattaforma tal-GO, liema ittra giet imwiegba b'ittra datata 16 ta' Marzu 2009[18] fejn il-GO regghet tenniet il-posizzjoni taghha ai termini tal-ittra tas-6 ta' Jannar 2009 hawn fuq riprodotta u kkonfermat li tali posizzjoni ma nbidlitx. Jirrizulta li meta s-socjeta' lanjanti regghet talbet li tingarr fuq il-pjattaforma tal-GO, il-GO ma ma vverifikatx jekk is-socjeta' lanjanti kienetx teknikament ippreparata in kwantu l-GO kellhom esperjenza ta' aktar minn sena mas-socjeta' lanjanti.[19] Jirrizulta wkoll li wara tali komunikazzjoni GO ssuggerit lis-socjeta' lanjanti sabiex U TV jigi *streamed online* fuq DIVE, li hi *website* tal-GO u li kienet wahda mill-iktar popolari dak iz-zmien. Is-socjeta' lanjanti wriet interess f'dan is-sens tant illi kienet applikat mal-GO lejn April 2010, pero' wara li GO investiet u ghamlet diversi preparamenti teknici, giet infurmata mis-socjeta' lanjanti li ma kienux se jaccettaw l-offerta' taghha li jigu *streamed online* ghaliex kellhom problemi ta' trasmissjoni.[20]

Illi jirrizulta li bejn l-2006 u l-2007 kien hemm komunikazzjonijiet bejn is-socjeta' lanjanti u l-Melita sabiex l-istazzjon U TV jixxandar minn fuq il-pjattaforma tal-Melita pero' jidher li ma nltahaqx ftehim kummercjali ghal dan il-ghan.[21] Fit-23 ta' Settembru

---

[17] A fol. 59
[18] A fol. 60
[19] Xhieda ta' Stefan Briffa a fol. 387 u dik moghtija nhar il-5 ta' Gunju 2014: *"Kif spjegajt l-ahhar darba kellna l-esperjenza, kellna hafna weghdiet anki meta konna ha ngorruh illi ha nkunu professjonali imma l-esperjenza ... Ma rridx inkun patronizzanti imma fid-dinja tal-business jekk ghamilt business ma' xi hadd u vera kien falliment ma tergax toqghod tmur wara sena u tghid okay issa f'daqqa wahda minn iswed sirna bojod, ma tahdimx hekk fil-verita'."*
[20] Xhieda ta' Stefan Briffa a fol. 370, 371
[21] Xhieda ta' Theresienne Mifsud a fol. 391 u Dok. TM1 a fol. 394

2008 is-socjeta' lanjanti regghet kitbet lill-Melita[22] sabiex tingarr fuq il-pjattaforma taghha, ghal liema ittra l-Melita wiegbet li minhabba ragunijiet kummercjali u limitazzjonijiet teknici l-ftehim ma setghax jintlahaq.[23] Ghalkemm sussegwentement is-socjeta' lanjanti ssottomettiet proposta kummercjali gdida lill-Melita[24], jirrizulta li tali proposta wkoll halliet xi thassib mal-Melita li baqa ma giex solvut[25], u ghalhekk permezz ta' ittra datata d-19 ta' Novembru 2008 il-Melita informat lis-socjeta' lanjanti illi: *"On the basis of the documentation supplied, several meetings held and the channel history, please be informed that Melita has decided not to pursue these discussions further and will not be carrying UTV on either of its platforms."*[26]

Illi nhar it-2 ta' Novembru 2009 il-Melita regghet irceviet proposta kummercjali gdida minghand is-socjeta' lanjanti[27], ghal liema proposta l-Melita rrispondiet b'ittra datata l-21 ta' Dicembru 2009[28] bil-mod segwenti:

*"After having reviewed the documents presented and in view of limited channel resources, Melita plc is not in a position to proceed with commercial discussions in view of carrying UTV on its platform, for the reasons hereunder:*

*(i) The schedule of programmes presented is limited;*
*(ii) The programmes in terms of past production experience are not of adequate quality;*
*(iii) The religious/community niche is already amply addressed on Melita's channel line up with 3 dedicated channels and a variety of programmes on the local channels;*
*(iv) Your past behaviour in dealing with Melita's officials."*

Illi b'ittra datata 29 ta' Jannar 2010[29] l-Awtorita' informat lis-socjeta' lanjanti li ma kienet tara l-ebda skop ghal tahdidiet ulterjuri u li l-kaz kien qed jitqies bhala maghluq in vista tal-fatt li z-zewg operaturi tan-networks li fuqhom jista' jingarr l-istazzjoni U TV tas-socjeta' lanjanti, u cioe' GO u Melita, kienu formalment innotifikaw lis-socjeta' lanjanti li m'humiex f'posizzjoni li jgorru l-imsemmi stazzjon. Sussegwentement, is-socjeta' lanjanti ressqet l-Ilment quddiem l-Ufficcju;

---

[22] Dok. TM2 a fol. 395
[23] Dok. TM3 a fol. 396
[24] A fol. 397 sa 420
[25] Dok. TM5 a fol. 421 et seq.
[26] Dok. TM6 a fol. 426
[27] Dok. TM12 a fol. 433 sa 437
[28] Dok. TM13 a fol. 438
[29] Dok. UCL4 a fol. 177

Illi l-Ufficcju ddecieda l-Ilment nhar is-6 ta' Awissu 2010 fejn ikkonkluda li l-kondotta ta' GO u Melita ma marritx kontra l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni.

Illi permezz ta' nota mressqa mis-socjeta' lanjanti[30] fuq ordni tat-Tribunal, gie spjegat li l-aggravju principali tas-socjeta' appellanti hu li s-socjetajiet lanjati GO u Melita rrifjutaw li jgorru l-istazzjon U TV fuq il-pjattaforma taghhom meta huma l-unici zewg kumpaniji li jistghu jipprovdu dan is-servizz u dan ghalkemm is-socjeta' lanjanti ghamlet investiment qawwi fuq struzzjonijiet tal-Awtorita'. Is-socjeta' lanjanti qalet li ghalhekk, GO u Melita, li huma zewg kumpanniji privati, qeghdin jiddeterminaw is-suq tat-trasmissjoni b'mod li l-hrug ta' licenzja ghax-xandir da parte tal-Awtorita' hija dipendenti minn dawn il-kumpanniji privati. F'dan is-sens, is-socjeta' lanjanti allegat ksur tal-Artikoli 5 u 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni;

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti li sehh ksur tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, u cioe' li kien hemm akkordju bejn intraprizi jew decizjoni jew prattika miftiehma bejn intraprizi b'rizultat ta' liema sehhet prevenzjoni, restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni, jinghad li ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens u fil-fatt anqas ma sar l-ebda accenn ghall-allegat ksur ta' dan l-Artikolu fis-sottomissjonijiet finali tas-socjeta' appellanti. Illi ghalhekk ma jirrizulta l-ebda ksur tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni da parte tas-socjetajiet lanjati GO u Melita. Fil-fatt, kif tajjeb qalu s-socjetajiet lanjati fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi, l-Ilment ma jkoprix il-ksur ta' dan l-Artikolu, liema allegazzjoni ta' ksur fil-fatt ma gietx mressqa ghajr fin-nota spjegattiva hawn fuq imsemmija, tant illi d-Decizjoni ma tikkoncernax l-allegat ksur ta' dan l-Artikolu;

Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta' lanjanti li l-agir tas-socjetajiet GO u Melita li rrifjutaw li jgorru l-istazzjon U TV fuq il-pjattaforma taghhom jikser l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, jirrizulta ampjament mill-provi kollha prodotti li tali rifjut taz-zewg socjetajiet hu essenzjalment ibbazat fuq in-nuqqasijiet serji tas-socjeta' lanjanti, hawn fuq imsemmija, liema nuqqasijiet gew sahansitra kkonfermati mill-Awtorita', kif tajjeb intqal fid-Decizjoni, b'mod indipendenti mill-gudizzju taz-zewg socjetajiet lanjati. It-Tribunal jaqbel ma dak li ntqal fid-Decizjoni u cioe' illi, *"f'dan is-*

[30] A fol. 94

*suq partikolari, iz-zewg kumpaniji GO u Melita ghandhom interess li jattiraw klijenti biex ixandru fuq in-networks taghhom ghax permezz ta' hekk il-kumpanniji GO u Melita ikunu f'qaghda li jistghu jipprovdu pakkett ahjar lill-klijenti taghhom."*[31] Ghalhekk huwa fl-interess taz-zewg socjetajiet lanjati li jgorru fuq il-pjattaforma taghhom dawk l-istazzjonijiet li permezz taghhom jistghu joffru servizz ahjar u aktar attraenti lill-klijenti taghhom. Dan gie kkonfermat ukoll mir-rapprezentanta tal-Melita li xehdet in kontro ezami illi, *"normalment meta stazzjon jingarr b'mod esklussiv minn network li huwa kompetitur f'dan il-kaz ehe ikun hemm certu interess halli tara possibilment hemmx lok illi jista' jingarr minghandek ukoll…"*.[32] Kwindi, bl-istess mod huwa fl-interess taz-zewg socjetatjiet lanjati li jirrifjutaw li jgorru dawk l-istazzjonijiet li jistghu jippregudikaw il-kwalita' tal-prodott taghhom, kif fil-fatt gara meta l-istazzjon U TV kien qed jingarr ghal perjodu fuq il-pjattaforma tal-GO, u dan specjalment in vista tal-ispazju limitat fuq il-pjattaformi rispettivi.

Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal jirreferi ghas-segwenti taghlim citat fid-Decizjoni: *"A refusal to deal by a dominant undertaking that prima facie harms competition … will not be considered an abuse under Article 82 of the EC Treaty if it is objectively justified. This will be the case if the refusal can be justified on business grounds other than the intention to eliminate a competitor from the market."*[33] L-istess inghad fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet *United Brands vs Commission*, fejn il-Qorti qalet li socjeta' f'qaghda dominanti ghandha d-dritt li tipprotegi l-interessi kummercjali taghha jekk dawn qed jigu ppregudikati u ghandha d-dritt li tiehu dawk il-passi ragjonevolment mehtiega sabiex l-interessi taghha jigu protetti, sakemm tali passi ma jittiehdux bl-ghan illi tissahhah id-dominanza taghha fis-suq u tabbuza minnha.[34] Applikat dan it-taghlim ghall-appell in ezami, mill-provi mressqa jirrizulta li fl-eskluzjoni tal-istazzjon U TV mill-pjattaformi rispettivi, l-intenzjoni tal-GO u l-Melita kienet dik illi tipprotegi l-interessi kummercjali taghha in vista tan-nuqqasijiet serji tas-socjeta' U Communications Limited.

Illi hu applikabbli wkoll ghall-appell odjern dak li gie kkwotat fin-noti ta' sottomissjonijiet tad-Direttur u tal-GO ossia li, *"Creditworthiness is also a legitimate*

[31] A fol. 10
[32] Xhieda ta' Theresienne Mifsud in kontro ezami nhar il-5 ta' Gunju 2014
[33] *The EC Law of Competition* – Faull and Nikpay, (2nd Edition, Oxford University Press, 2007), p. 355
[34] Case 27/76 United Brands vs Commission (1978) ECR 207 par. 189

*reason for refusing to deal, or, more generally, <u>that the requesting party would be unsuitable, unreliable, or unsatisfactory as a trading party</u>.*[35] *There may also be issues concerning quality degradation or security that would justify the refusal to admit new users."*[36] Ghalhekk, t-Tribunal hu tal-fehma li l-agir tas-socjetajiet lanjanti hu gustifikat u ma jiksirx l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni.

Illi ghal dak li jirrigwardja s-sottomissjoni mressqa mis-socjeta' lanjanti fis-sens illi l-agir tal-GO jikser id-disposizzjonijiet kuntrattwali bejn iz-zewg partijiet, it-Tribunal jirrileva li mhux fil-kompetenza tieghu li jindaga dwar kwistjonijiet ta' din ix-xorta.

Illi finalment is-socjeta' lanjanti lmentat ukoll illi ma nghatatx spazju bhala stazzjon li jaqa' fil-parametri tal-*General Interest Objective* (G.I.O.) *Policy* u li ma gewx rispettati l-*Public Service Obligations* (PSO). F'dan ir-rigward jirrizulta mill-provi prodotti li tali obbligazzjonijiet m'humiex imposti fuq is-socjetajiet lanjati GO u Melita u ghalhekk l-eskluzjoni tal-istazzjon U TV mill-G.I.O. *policy* u l-PSO m'huwiex attribwibbli lil jew b'rizultat tal-agir tas-socjetajiet in ezami.

**Decide**

Dan it-Tribunal ghalhekk jichad fl-intier tieghu l-appell tas-socjeta' U Communications Limited u jikkonferma d-Decizjoni tal-Ufficcju ghall-Kompetizzjoni tas-6 ta' Awwissu 2010.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[35] Enfasi tat-Tribunal
[36] *The Law and Economics of Article 82 EC* – O'Donoghue and Padilla 2006, p. 450, 451